A.L. 70 ta' l-1990

ATT DWAR IL-KONTROLL FUQ IL-KWALITÀ (ESPORTAZZJONIJIET, IMPORTAZZJONIJIET U OĠĠETTI LOKALI) (KAP. 225)

Ordni ta' l-1990 dwar *Aerosol Spray*

(Ordni Nru. M27 ta' l-1990)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kwalità (Esportazzjonijiet, Importazzjonijiet u Oġġetti Lokali), il-Bord ta' *Standards* ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1.1 Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1990 dwar *Aerosol Spray* u jista' jissejjaħ l-Ordni Nru. M27 ta' l-1990.

1.2 Dan l-ordni għandu jibda jseħħ f'data wara li jgħaddu għoxrin jum minn meta jitqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati, liema data għandha tiġi avżata mill-Bord fil-Gazzetta.

Għan.

2.1 Dan l-ordni japplika għall-importazzjoni, manifattura, esportazzjoni, użu u bejgħ ta' prodotti ta' l-*aerosol spray*, sew jekk dawn ikun fihom ċerti derivattivi ta' l-aloġenu ta' idrokarburi sew jekk le, u sew jekk preżenti singli jew f'taħlitiet tagħhom.

Applikabilità.

3.1 Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-ordni japplikaw għal prodotti ta' l-*aerosol spray* sew jekk impurtati, manifatturati għas-suq lokali jew esportati.

Tifsir.

4.1 F'dan l-ordni, prodotti ta' l-*aerosol spray* tfisser dawk il-prodotti li jkun fihom prinċipju attiv u/jew solvent, u propulsur. Jistgħu jkunu preżenti sustanzi anċillari oħra.

Restrizzjonijiet.

5.1 Wara l-31 ta' Diċembru, 1990 ebda prodott ta' l-*aerosol spray* ma jitħalla jiġi manifatturat, esportat, impurtat, mibjugħ jew offrut għall-bejgħ jekk ikun fih xi kompost minn dawk imniżżla fil-paragrafi 6.1.1 sa 6.1.8.

Lista ta' komposti projbiti.

6.1 Din li ġejja hija lista ta' komposti kimiċi li allegatament jagħmlu ħsara lis-saff ta' l-ożonu, u li l-użu tagħhom ikun projbit u/jew ristrett f'*aerosol sprays* wara l-31 ta' Diċembru, 1990:

6.1.1 Trichlorofluoromethane
$CFCl_3$, (CFC-11)

6.1.2 Dichlorodifluoromethane
CF_2Cl_2, (CFC-12)

6.1.3 Trichlorotrifluoroethane
$C_2F_3Cl_3$, (CFC-113)

6.1.4 Dichlorotetrafluoroethane
$C_2F_4Cl_2$, (CFC-114)

6.1.5 Chloropentafluoroethane
C_2F_5Cl, (CGC-115)

6.1.6 Chlorobromodifluoromethane
$CF_2Br\ Cl$, (Halon 1211)

6.1.7 Bromotrifluoromethane
CF_3Br, (Halon 1301)

6.1.8 Dibromotetrafluoroethane
$C_2F_4Br_2$, (Halon 2402).

Ħtiġijiet ta' tikkettjar.

7.1 Dan it-tagħrif li ġej għandu jkun stampat fuq ir-reċipjent jew fuq tikketta mwaħħla mar-reċipjent:

7.1.1 L-isem tal-marka jew *trade mark* u l-pajjiż ta' oriġini; jew l-isem u l-indirizz tal-manifattur.

7.1.2 Il-funzjoni tal-prodott i.e. insettiċida; deodorant, fwieħa, eċċ.

7.1.3 Fil-każ ta' insettiċidi, pestiċidi, fungużidi, u komposti tossiċi jew fiżjoloġikament attivi bħal dawn, għandhom jingħataw l-ismijiet kimiċi tas-sustanzi attivi wżati.

7.1.4 Għandhom jingħataw twissija u/jew parir kif jixraq dwar l-użu sewwa u bla periklu tal-prodott ta' l-*aerosol spray* kif ukoll parir dwar kif wieħed għandu jiddisponi mir-reċipjent wara li jintuża.

7.1.5 Il-kontenut nett.

Daqs tar-reċipjent.

8.1 Id-daqs tar-reċipjent użat fil-mili ta' l-*aerosol* għandu jkun adattat għall-kontenut nett tal-prodott kif titlob il-prattika tajba ta' manifattura.

Eżenzjonijiet.

9.1 Ir-restrizzjonijiet tal-paragrafu 5.1 ma japplikawx għal *aerosol sprays* użati għal xi wieħed minn dawn l-għanijiet li ġejjin:

9.1.1 Farmaċewtiċi u mediċinali,

9.1.2 Elettroniċi,

9.1.3 Industrijali speċjalizzati,

9.1.4 Tifi tan-nar.

Mili fuq bażi ta' kuntratt.

10.1 Meta *aerosol sprays* jimtlew fuq bażi ta' kuntratt, kemm il-kumpannija li tagħmel il-mili kif ukoll min jordna l-prodotti huma separatament u *in solidum* responsabbli li jħarsu l-ħtiġijiet ta' dan l-ordni.